

Abbozz ta' Baġit Emandatorju Nru 5/2011 - Taqsima IX - Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data u Taqsima X - Is-Servizz Ewropew tal-Azzjoni Esterna

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 5/2011 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2011, Taqsima IX – Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data u Taqsima X – Is-Servizz Ewropew tal-Azzjoni Esterna (13991/2011 – C7-0244/2011 – 2011/2131(BUD))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 314 tiegħu, u t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej¹, u b'mod partikolari l-Artikoli 37 u 38 tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2011, adottat b'mod aħħari fis-15 ta' Diċembru 2010²,
 - wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba³,
 - wara li kkunsidra l-Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 5/2011 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2011, ippreżentat mill-Kummissjoni fil-22 ta' Ġunju 2011 (COM(2011)0374),
 - wara li kkunsidra l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-Abbozz tal-baġit emendatorju Nru 5/2011, stabbilit mill-Kunsill fit-12 ta' Settembru 2011 (13991/2011– C7-0244/2011),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 75b tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A7-0346/2011),
- A. billi l-Abbozz tal-baġit emendatorju Nru 5/2011 għall-baġit ġenerali 2011 ikopri modifiki tal-pjani ta' stabbiliment għal żewġ istituzzjonijiet, il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (EDPS) u s-Servizz Ewropew tal-Azzjoni Esterna (SEAE).
- B. billi l-istabbiliment tas-SEAE kien iggwidat mill-prinċipji tan-newtralità baġitarja u l-ġestjoni tajba u effiċjenti, filwaqt li jitqiesu b'mod sħiħ l-impatt tal-kriżi ekonomika fuq

¹ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

² ĠU L 64, 12.3.2010.

³ ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

il-finanzi pubbliċi u l-ħtieġa ta' awsterità baġitarja,

- C. billi kien jidher ċar sa mill-bidu li kien se jkun meħtieġ li s-servizz jinbena gradwalment u li kellhom ikunu disponibbli riżorsi skont il-progress magħmul fit-tiswira tal-istituzzjoni u l-kapaċità ta' assorbiment attwali;
- D. billi il-Kunsill fil-pożizzjoni tiegħu tat-12 ta' Settembru 2011 ikkonferma t-talba tal-Kummissjoni,
 - 1. Jinnota l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 5/2011;
 - 2. Jiddeċiedi li jemenda l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 5/2011 kif jidher hawn taħt;
 - 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni, flimkien mal-emenda tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, l-istituzzjonijiet u korpi oħra konċernati u lill-parlamenti nazzjonali.

Emenda 1

Sezzjoni: IX: II-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data

ANNEX - PERSUNAL

Grupp ta' funzjoni u grad			2011	
	Pożizzjoni tal-Kunsill (=ABE 5/2011)		Emenda tal-Parlament	
	Postijiet tax-xogħol permanenti	Postijiet għal xogħol temporanju	Postijiet tax-xogħol permanenti	Postijiet għal xogħol temporanju
AD 16				
AD 15	+1		-1	
AD 14	-1		+1	
AD 13				
AD 12				
AD 11	3		3	
AD 10	1		1	
AD 9	5		5	
AD 8	7		7	
AD 7	3		3	
AD 6	5		5	
AD 5	1		1	
Total AD	26		26	
AST 11				
AST 10				
AST 9	1		1	
AST 8	1		1	
AST 7	1		1	
AST 6	1		1	
AST 5	3		3	
AST 4	2		2	
AST 3	3		3	
AST 2	3		3	
AST 1				
Total AST	15		15	
Total globali	41		41	
